

# San Ġużepp fl-Ispiritwalità Karmelitana

**Andrew Borg**

Hames snin ilu kont ktibt f'din l-istess pubblikazzjoni, artiklu dwar id-devozzjoni ta' San Ġużepp kif imxandra mill-Ordni tal-Karmelu.[1] *Konna għidna li saħansitra hemm kitbiet medjevali li jirrakkonta kif Marija u Ġużeppi kienu jżuru xi eremiti fuq il-muntanja magħrufa bħala "tal-Karmelu". Lil hinn mil-leġġendi sibna li Healy Thompson (1980)*[2] *jistqarr li l-Ordni Karmelitan "impurtaw għall-ewwel darba mil-Lvant għall-Punent il-prattika lodevoli li tagħti l-ogħla kult lil San Ġużepp". Nafu li kienu huma l-ewwel fl-Ewropa li onoraw lil San Ġużepp b'uffiċċju speċjali tat-Talb.* Fl-imsemmi artiklu għidna wkoll li l-Kapitlu Ġenerali tal-Ordni Karmelitan, approva unanimament l-għażla ta' San Ġużepp bħala l-Protettur Primarju tal-Ordni. Ir-rabta bejn l-Ordni Karmelitan u San Ġużepp kompliet tissaħħaħ permezz tal-qaddisa kbira tiegħu Santa Tereża ta' Avila. Chorpenning, J. F. (1993) juri li: *huwa fatt li ma tistax tmerih li l-Karmelitani, partikolarment fil-persuna ta' Santa Tereża ta' Avila, taw kontribut maġġuri għat-tixrid tal-venerazzjoni ta' San Ġużepp fl-Ewropa Moderna tal-Bidu.*[3] Jerònimo Graciàn de la Madre de Dios (1564-1614) patri Spanjol li ta kontibut importanti għall-istudji Josefoloġiċi permezz tal-ktieb tiegħu *Summary of the Excellencies of St Joseph*, ippubblikat fl-1597, kiteb dwar dan fl-imsemmi ktieb, fejn iddedika kważi kapitlu sħiħ.[4] Hawnhekk



**L-Istatwa ta' San Ġużepp meqjuma b'għożża fis-Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt Valletta**

m'aħniex se nirrepetu l-istorja ta' din ir-rabta qawwija li San Ġużepp għandu mal-Ordni tal-Karmelu. Iżda se nħarsu lejn l-evidenza ta' din ir-rabta kif insibuha żviluppata fl-Ispiritwalità tal-Ordni Karmelitan matul is-snin, u fil-mod kif esprimewha diversi qaddisin kbar u oħrajn inqas magħrufa fi ħdanu.

**San Ġużepp u l-essenza tal-ispiritwalità Karmelitana**

Irrid nistqarr fil-bidu ta' dan id-diskors li jien ma studjajtx l-Ispiritwalità Karmelitana iżda f'wieħed mis-siti ewlenin tal-Ordni[5] laqtitni din l-istqarrija sabiħa dwar dak li jagħmel Karmelitan jew f'hiex tikkonsisti l-ħajja spiritwali fi ħdan dan l-Ordni. "**Bħala Karmelitani aħna ngħixu ħaġa waħda ma' Ġesù Kristu u nservuh fedelment b'qalb pura u b'kuxjenza safja, billi nikkommettu ruħna li nfittxu Wiċċ Alla Ħaj (u din hija d-dimensjoni kontemplattiva tal-ħajja tagħna), permezz tat-talb, permezz tal-ħajja fraterna u permezz tad-djakonija (jiġifieri bil-qadi tal-oħrajn). Dawn it-tliet elementi fundamentali tal-kariżma tagħna mhumiex valuri distinti u separati minn xulxin, iżda huma minsuġa ħaġa waħda, f'ħajja waħda. Dan kollu ngħixuh taħt il-protezzjoni, bl-ispirazzjoni u mmexxija minn Marija, Is-Sinjura Tagħna tal-Għolja tal-Karmelu, li aħna nonoraw bħala Ommna u Oħtna**."

Mhux ta' b'xejn l-aħwa tal-Ordni raw f'Ġużeppi il-mudell per eċċellenza tal-ħajja li għażlu biex jgħixu fil-kunventi u l-monasteri tagħhom. It-tliet elementi fundamentali tal-kariżma Karmelitana huwa tliet valuri li jixegħlu, anzi jiddu, fil-ħajja ta' Ġużeppi ta' Nażaret. It-talb kien jikkaratterizza u sa ċertu punt għadu jikkaratterizza l-ħajja tal-poplu Lhudi, li l-ġurnata tiegħu hija mżejna b'għadd ta' talbiet li jingħadu fuq bażi individwali, flimkien bħala familja u anke fil-komunità. Ġużeppi ta' Nażaret kien jagħti importanza kbira lit-talb ta' kuljum, u qatt ma kien iħalli x-xogħol tiegħu ta' mastrudaxxa jew l-impenn tiegħu li jmantni u jsostni l-Familja Mqaddsa, itellfuh milli jżomm l-appuntamenti fissi mat-talb f'ħinu u f'waqtu. L-istess kien jagħmel fir-rigward tal-laqgħat li kienu jsiru fis-sinagoga u tal-festi staġjonali li kien jirrikjedi lil-Lhud li jinżlu jew jitilgħu lejn it-Tempju ta' Ġerusalemm. Kif kien dmiru bħala missier Lhudi, it-tagħlim tat-talb kollu u l-abbitudnijiet reliġjużi kollha, huwa għaddihom lit-tfajjel Ġesù, li bħala bniedem, nafu li kellu jiżviluppa, jikber u jitgħallem kif niżviluppaw, nikbru u nitgħallmu aħna. Jiġifieri f'dan is-sens Ġesù ma kienx pprivileġġat u ġie matur u bravu bil-lest. Kien Ġużeppi, sintendi bl-għajnuna ta' martu Marija, li wasslu għal din il-maturazzjoni fil-għerf u fl-ispiritwalità.

Japprofondixxi dwar dan l-istudjuż Leonard Boff: [6] "Ġużeppi introduċa lil Ġesù għat-talb. Il-missier u l-iben, kmieni mas-sebħ, kienu jgħidu t-talb ta' filgħodu, iħarsu lejn id-direzzjoni ta' Ġerusalemm, fejn kienet id-dar ta' Alla fit-Tempju. Kienu jagħmlu tliet passi'l quddiem, biex simbolikament iħossuhom qegħdin taħt it-Tinda Sagra (Shekinah), fejn kienet ikkonċentrata l-Preżenza Divina. Kienu jirreċtaw b'vuċi għolja u b'ħarsithom lejn Ġerusalemm: *Ikun imbierek il-Mulej Alla Sid tal-Univers*… Wara kienet issir il-famuża professjoni tal-fidi, li kienet tibda bil-kliem *Shema Israel*, jiġifieri 'Isma' O Israel', il-Kredu li kull Lhudi għandu fuq xofftejh. … Wara kienu jirreċtaw is-sitt barkiet (xi wħud minnhom jagħmlu saħansitra it-tmintax), u dawn kienu jirrepetuhom tliet darbiet kuljum. … Nhar ta' Sibt il-familja kollha kienet tmur għall-kult fis-sinagoga: Ġużeppi u Ġesù fuq quddiem, u Marija warajhom, kif kien isir dak iż-żmien."[7] Boff (2006) ikompli jfissrilna kif "Ġużeppi introduċa lil Ġesù għat-tradizzjonijiet kollha tal-fidi Ebrajka… (fosthom) …l-Għid fit-tempju (fejn waqt li jivvjaġġaw lejn Ġerusalemm fi gruppi) kienu ikantaw il-famużi salmi tat-telgħat (Salmi 120-134)."[8]

Kittieba oħra, Louise Bourassa Perrotta (2000)[9] tgħidilna li "it-tradizzjoni Evanġelika tippreżentaH (lil Ġesù) jipprietka u jgħallem fis-sinagogi" u li "it-tagħlim tiegħu kien mimli bil-viżjoni u l-lingwa tat-testi sagri ta' Israel, allura wieħed jista' jirraġuna li l-formazzjoni reliġjuża ta' Ġesù fi ħdan il-familja tiegħu kienet immensa u profonda, u kienet tinkludi taħriġ dwar il-qari tal-Bibbja Ebrajka – u fil-kultura Ebrajka din il-formazzjoni kienet primarjament ir-responsabbiltà tal-missier."[10]

Il-maħbub Papa Emeritu Benedittu XVI f'waħda

mill-prietki tiegħu f'jum id-19 ta' Marzu tkellem dwar il-ħajja tat-talb li Ġesù għex fil-familja ta' Nażaret immexxija minn San Ġużepp: "Ġużeppi, skont it-tradizzjoni Ebrajka, kien imexxi t-talb domestiku, kemm dak ta' kuljum – filgħodu, filgħaxija u fl-ikliet – kif ukoll dawk tal-festi prinċipali reliġjużi," u jgħidilna wkoll li "Ġużeppi wettaq bis-sħiħ ir-rwol tiegħu patern taħt kull aspett. Ċertament li eduka lil Ġesù fit-talb. ...Hu, partikularment, żgur li ħadu miegħu s-sinagoga, għar-riti ta' nhar ta' Sibt, kif ukoll Ġerusalemm, għall-festi l-kbar tal-poplu ta' Israel."[11]

Żgur li l-aħwa Karmelitani sa mill-bidu tagħhom fuq il-Għolja tal-Karmel ispiraw ruħhom mill-ħajja ta' talb li għexet is-Sagra Familja u ċertament li influwenzathom il-ħajja interjuri tal-patrijarka San Ġużepp, u influwenzathom, għax l-istess bħal fil-kariżma tagħhom, din il-ħajja tat-talb ma kinitx maqtugħa mill-valuri l-oħra tal-ħajja fraterna, li Ġużeppi għexha maż-żewġ membri l-oħra tal-Familja Mqaddsa, u mill-predispożizzjoni għall-qadi li Ġużeppi kellu lejn il-ġirien tiegħu u lejn il-proxxmu in ġenerali, inklużi dawk li hu ma kellux konoxxenza tagħhom. Il-ħajja ta' talb kienet ħaġa waħda mal-ħajja tal-familja u t-tnejn kienu ħaġa waħda mal-ħajja tax-xogħol. It-talba ta' Ġużeppi kienet tibda fi ħdan ir-rit Lhudi, tissokkta fuq il-lant tax-xogħol u tisseddaq fil-ħajja tal-familja, l-istess kif il-patrijiet Karmelitani jgħixu l-ħajja kontemplattiva tagħhom, li ma taqtagħhomx minn xulxin bħala aħwa taħt saqaf wieħed, u wisq inqas mill-bnedmin l-oħra tad-dinja, li huma jservu u jaqdu spiritwalment.

Il-Papa Qaddis ta' żmienna, San Ġwanni Pawlu II,[12] jara f'Ġużeppi ż-żwieġ ta' żewġ ħajjiet, dik kontemplattiva u dik attiva. Fih jara l-imħabba għall-verità (caritas veritatis) magħquda ma' dak li titlob minnha l-istess imħabba (necessitas caritatis). Il-ħajja tax-xogħol ta' Ġużeppi ta' Nażaret "hija espressjoni ta' mħabba li sseħħ kuljum fil-Familja ta' Nażaret" (RC22). Hu, bħal predeċċesur tiegħu Papa Pawlu VI jistqarr li "San Ġużepp huwa l-mudell ta' dawk l-Insara umli li jilħqu qċaċet għoljin fil-ħajja tagħhom… (għax) huwa jagħtina prova li biex inkunu dixxipli tajbin u ġenwini ta' Kristu, m'għandniex bżonn inwettqu ħwejjeġ kbar – biżżejjed li jkollna l-virtujiet komuni, sempliċi u umani, iżda dawn iridu jkunu veri u awtentiċi."(RC24) L-eżortazzjoni appostolika Redemptoris Custos (li hawn qed tidher bħala RC) tiffoka fuq il-ħajja interjuri ta' San Ġużepp: "Ta' kuljum Ġużeppi kien jgħix spalla ma' spalla mal-misteru moħbi li kien qed jgħammar taħt is-saqaf tiegħu." (RC 25) Din l-intimità fi ħdan id-dar ta' Nażaret għenet lil San Ġużepp jiżviluppa l-ħajja interjuri kif fissirnieha hawnhekk, u li kif għidna aktar kmieni ħakkmet il-qlub tal-aħwa fl-Ordni tal-Karmelu, li raw fih il-mudell per eċċellenza tal-ħajja tagħhom meditattiva u attiva fl-istess ħin.

**San Ġużepp u l-Ispirtwalità fil-Qaddisin Karmelitani**

Kien hemm bosta qaddisin li bihom huwa mżejjen l-Ordni tal-Karmelu, il-kbira fosthom Santa Tereża ta' Avila, li esprimew l-ispiritwalità Karmelitana tagħhom fid-dawl ta' dan il-qaddis twajjeb u kwiet, li qatt ma fittex il-glorja u l-attenzjoni, iżda li dejjem mexxa fuq prinċipju wieħed fondamentali, dak li jwettaq bl-aktar mod sħiħ u komplet ir-rieda tal-Missier Etern. Warrab il-pjani tiegħu, ta' żagħżugħ mimli ħeġġa għall-futur mal-mara tiegħu Marija li magħha min jaf kemm ħolom li se jibni familja li tagħti glorja 'l Alla fl-imħabba reċiproka u fl-imħabba prokreattiva li ġġib it-tfal fid-dinja, u minflok wettaq il-pjan li kellu Alla għalih u għas-sieħba tiegħu. Fis-silenzju li kien jikkaratterizza lil ħajtu huwa seta' jisma' bl-aktar mod ċar il-vuċi ta' Alla. L-għarfien kbir tiegħu tal-Iskrittura Mqaddsa għenitu biex jiddistingwi bejn ħolm u ħolm (għax għandna nifhmu li Ġużeppi kien ikollu ħolm normali bħal tagħna, iżda kien kapaċi jiddixxerni u jagħżel minn dan, dak il-ħolm li huwa għodda divina ta' komunikazzjoni, użata ħafna fl-Antik Testment) u allura kien kapaċi jifhem meta kien ikun qed ikellmu l-messaġġier tal-Mulej. Ma jgergirx. Ma jissupervjax. Ma jiddubitax. Ma jiddetubax. Iżda jqum u jagħmel kif qallu l-anġlu tal-Mulej. Ġużeppi kien ir-raġel tas-silenzju, iva; iżda kien ukoll ir-raġel tad-deċiżjoni f'waqtha, ir-raġel tal-azzjoni immedjata, ir-raġel li jagħraf iwettaq dak li kien imfassal sa mill-bidu taż-żmenijiet mill-Għerf Divin. Kien dan il-kobor li tgħaxxqu bih il-qaddisin Karmelitani fil-qaddis li għal tant sekli l-Knisja nnifisha ħalliet fid-dell tal-istorja, fid-dlam tal-injoranza, fis-skiet tan-neċessitajiet tal-ewwel sekli meta l-istess Knisja kienet imkasbra minn ereżiji li ppruvaw ixejjnu

t-tagħlim tagħha dwar iż-żewġ naturi – dik umana u dik divina – fil-persuna ta' Sidna Ġesù Kristu.

**Santa Tereża ta' Avila**
Ma nistgħux ma nifitħux din it-taqsima tad-diskors tagħna b'dik li tista' titqies bħala waħda mill-akbar jekk mhux l-akbar qaddisa Karmelitana, Santa Tereża ta' Avila, li f'Ġużeppi sabet il-fejqan tagħha, kemm materjali u kemm spiritwali u li lilu hija għażlet bħala Patrun tal-Ordni Riformat li hija stabilit. Nikkwotaw lilha stess minn kapitlu 6 tal-Ħajja tagħha[13]: "Billi rajt lili nnifsi f'sitwazzjoni tant prekarja meta kont għadni tant żgħira fl-età u billi rajt ukoll kemm it-tobba tad-dinja ma setgħu jagħmlu xejn miegħi, iddeċidejt li nfittex l-għajnuna għand it-tobba tas-sema bit-tama li dawn ifejquni… Għażilt bħala avukat tiegħi u sid tiegħi lill-glorjuż San Ġużepp, u b'ħeġġa kbira irrikkmandajt lili nnifsi lilu. Intbaħt minnufih u bl-aktar mod ċar li f'dan il-bżonn li kelli u f'oħrajn akbar li segwew, li kienu jirrigwardjaw l-unur tiegħi u t-telfien ta' ruħi, dan il-missier u sid tiegħi, dejjem ġie biex isalvani b'mod ferm aqwa milli qatt stajt nitolbu. Sal-lum il-ġurnata ma niftakarx li qatt



**Statwa ta' Santa Tereża t'Avila li tintrama fil-Belt fil-ġranet tal-Festa**

tlabtu xi ħaġa u hu ma tahielix. Naraha xi ħaġa tal-għaġeb meta nqis kemm il-grazzja minn Alla qlajt permezz tal-medjazzjoni ta' dan l-imbierek qaddis, il-perikli li ħelisni minnhom kemm fil-ġisem kif ukoll fir-ruħ. Għaliex kif naraha jien, lill-qaddisin l-oħra l-Mulej jidher li tahom il-grazzja li jkunu ta' għajnuna għalina f'xi bżonn partikulari wieħed, filwaqt li lil dan il-qaddis glorjuż, mill-esperjenza tiegħi nista' ngħid li tah il-grazzja li jgħinna fi kwalunkwe bżonn li jkollna, u jidher li l-Mulej iridna nifhmu li bħalma huwa kien suġġett għal San Ġużepp meta kien f'din id-dinja – għax billi kellu t-titlu ta' missier, u billi kien l-għalliem tiegħu, Ġużeppi seta' jikkmanda lit-tfajjel Ġesù – hekk fis-sema Huwa jagħmel dak li jirrikmanda Ġużeppi." Santa Tereża tfiehem kif it-talb tagħna mhux dejjem ikun mismugħ fil-mod li nkunu fassalna aħna, għax Alla l-imbierek jaf aħjar minnha x'inhuma l-bżonnijiet veri tagħna, u San Ġużepp jintervjeni f'dan is-sens ukoll: "Jekk it-talba tiegħi tkun mbiegħda mis-sewwa huwa jirranġaha biex minnha nikseb xi ħaġa aħjar milli tlabt."

Fir-riforma kbira li hija wettqet fi ħdan l-Ordni tal-Karmelu hija sabet sors kbir ta' għajnuna f'San Ġużepp u għaldaqstant kienet tqisu bħala l-fundatur tal-Ordni Riformat u tal-Kunventi u l-Monasteru li waqqfet eventwalment. Kienet tesiġi li dawn il-postijiet jissemmew ikunu ddedikati lilu, ibda mill-ewwel wieħed "San Ġużepp ta' Avila (1562) u kompli b'għaxra oħra fost is-17 imwaqqfa minnha: Medina del Campo (1567), Magalòn (1568), Toledo (1569), Salamanca (1570), Segovia (1574), Beas de Segura (1575), Siviglia (1575), Caravaca (1576), Palencia (1580 u Burgos (1582).[14]

Issa meta qed nitkellmu dwar dak li ħasset Santa Tereża fil-konfront ta' San Ġużepp irridu nifhmu li qed nitkellmu dwar qaddisa li kellha sens profond ta' spiritwalità. Santa Tereża ta' Avila hija waħda mill-akbar mistiċi li bihom hija mżejna l-Knisja Mqaddsa, tant li f'ħajjitha hija rnexxielha tasal litteralment fis-seba' sema mhux fis-sens li nifhmu din l-espressjoni bil-Malti iżda fis-sens mistiku ta' dak il-post li ħadd ma jista' jiddeskrivi fejn ir-ruħ tingħaqad fi żwieġ mistiku mat-Trinità Qaddisa. Anzi dil-qaddisa, saħansitra, kellha viżjoni intellettwali tat-Trinità Qaddisa meta laħqet din l-unjoni profonda m'Alla. Minkejja

dan hija xorta waħda baqgħet persuna prattika u f'dan is-sens kienet devot kbira ta' San Ġużepp li kien igħinna tpoġġi fil-prattika l-imħabba kbira lejn Alla li kienet tesperjenza fil-mumenti ta' estasi tagħha. U ngħiduha min aħjar minn Ġużeppi ta' Nażaret rajnieh ipoġġi fil-prattika r-rieda ta' Alla l-imbierek. L-impossibbiltà divina rrendiha f'possibbiltà umana. Dak li f'għajnejna seta' deher impossibbli – p.e. li trabbi lill-istess Verb Inkarnat, li tgħallmu, li teħilsu mill-perikli, li tgħinnu jimmatura umanament u jsir raġel f'kuntest ta' żmien u post partikulari – San Ġużepp għamlu possibbli. U dan seta' jagħmlu biss għax l-esperjenza ta' ħajja interjuri tiegħi kienet ħaġa waħda mal-ħajja tiegħu ta' kuljum. Dan fehmitu tajjeb din il-qaddisa kbira u jekk ma introduċietux hi fil-ħajja kontemplattiva Karmelitana, żgur li nistgħu ngħidu li saħħitu u kkonsolidatu.

Qed jiġini f'moħħi l-kittieb Ġiżwita Fr Louis Lallemant li bħal din il-qaddisa kien iħeġġeġ f'kulħadd devozzjoni lejn San Ġużepp, iżda bħalha, ma kienx jieqaf hemm. Huwa kien jirrikkmanda lil dawk li xtaqu jesperjenzaw spiritwalità perfetta, biex jieħdu bħala mudell ta' umiltà lill-istess Sidna Ġesù Kristu, bħala mudell tas-safa lill-Verġni Imbierka, u bħala mudell ta' ħajja interjuri lil San Ġużepp.[15]

**San Ġwann tas-Salib**

L-Ispiritwalità ta' qaddis ieħor Karmelitan, San Ġwann tas-Salib, tagħtina okkażjoni oħra biex naraw kemm il-karizma u l-ispiritwalità Karmelitani hija ispirata mill-ħajja interjuri ta' San Ġużepp, kif mgħajxa fil-Familja Mqaddsa ta' Nażaret. Nikkwotawh u naraw dan fil-ftit eżempji li ġejjin. "Irsistu biex tippriservaw qalbkom fil-paċi: tħallu l-ebda ġrajja tad-dinja tiddisturbaha."[16] Issa jekk kien hemm qaddis li ġrajjet id-dinja ħabbtuh bil-bosta dan kien San Ġużepp. Biżżejjed insemmu t-tqala misterjuża ta' martu Marija, l-editt ta' Ċesri Awgustu li ġegħlitu jinżel Betlehem bil-mara tiegħu fi stat avvanzat tat-tqala, in-nuqqas ta' kenn li ħabbat wiċċu miegħu meta wasal b'martu tqila f'Betlehem, it-theddida ta' Erodi li joqtol it-tifel u l-ħarba li segwiet lejn l-Eġittu, ir-ritorn fl-Art Imqaddsa bil-perikli kollha li ħabbat wiċċu magħhom, it-telfien ta' Ġesù fit-tempju. Dawn kollha kienu ġrajjiet li setgħu ddisturbaw il-paċi f'qalbu. Iżda Ġużeppi ta' Nażaret għaraf jippriserva sew il-paċi f'qalbu u għalhekk kull turbament kien kapaċi jirreżistih.




**San Ġwann tas-Salib, qaddis Karmelitan devot ta' San Ġużepp**

Is-silenzju li kien jikkaratterizza lil ħajtu għenu biex widnejh kienu dejjem miftuħin beraħ għall-Kelma ta' Alla. B'dan il-mod huwa seta' jirrealizza konkretament ir-rieda ta' Alla b'mod sħiħ u komplet. Fil-fatt araw x'imur jgħidilna San Ġwann tas-Salib dwar min ipaċpaċ ħafna, dwar min mhux kapaċi jisma': "Dik ir-ruħ li dejjem lesta biex titkellem u tgħid, qajla kapaċi ddur lejn Alla." Il-qaddisin kbar ma qalux ħafna, iżda għamlu ħafna. San Ġużepp mhu qatt ikkwotat fl-Evanġelji Mqaddsa, iżda fin-nuqqas ta' dan jispikkaw id-deċiżjonijiet għaqli, pronti, bla eżistazzjoni u immedjati li hu ħa f'kull ċirkostanza, u jispikkaw l-azzjonijiet li huwa wettaq. Ġużeppi ta' Nażaret dejjem qam u għamel kif qallu l-anġlu tal-Mulej! Għax tabilħaqq naraw li kemm-il darba Alla kellem lil Ġużeppi fl-irqad, fil-ħolm, għax kif jgħidilna l-qaddis Karmelitan, "Għall-qaddisin, anke l-irqad huwa talb."

Fil-kwiet u l-ħemda biss tista' tisma' lil Alla. Mill-ġdid fi kliem San Ġwann tas-Salib, San

Ġużepp kien kapaċi "isikket il-fakultajiet tiegħu u jġiegħlhom joqogħdu kwieti sabiex jisma' lil Alla jitkellem."

Il-kittieb Spanjol Federico Suarez jissintetizza din l-ispiritwalità Ġużeppina: "L-ewwel nett ninnutaw li s-silenzju ta' Ġużeppi mhuwiex vojt. Huwa silenzju mimli sax-xifer. Fih kontenut… (għax) …hemm silenzju li hu ta' benefiċċju, silenzju li mhuwiex ġej minn distrazzjoni jew mill-moħħ li jkun banda oħra, inkella fil-qamar, iżda ġej mill-kontemplazzjoni, li fl-istess ħin hija kundizzjoni li tagħmel possibbli l-maturità interjuri. Wieħed ma jistax jirrifletti, u wisq inqas jikkontempla, jekk ikun verbuż, (jiġifieri l-ħin kollu jgħid). Ftit tas-silenzju huwa dejjem bżonnjuż biex wieħed jikkonċentra fuq dak li għandu quddiemu, u biex isolvi mistoqsijiet li l-ħajja ta' kuljum ta' spiss ġġiblu quddiem għajnejh. Din l-attività interjuri kollha li hija wkoll sinjal ta' ħajja sopranaturali f'dik li jkun, teħtieġ ftit tas-silenzju. Is-silenzju huwa bħal purtinar tal-ħajja interjuri… Il-kliem ta' Isaija (30:15) jista' faċilment ikun applikat għal Ġużeppi: in silentio et in spe erit fortitude vestra, jiġifieri "fis-silenzju u fil-fiduċja qiegħda l-qawwa tagħkom." Għax dan ir-raġel silenzjuż li kien jittama f'Alla, wera fil-fatt, il-qawwa tiegħu f'sitwazzjonijiet diffiċli u kompromettenti, u ta prova tiegħu nnifsu li kien denn tal-kunfidenza li Alla wera fih."[17]

**San Ġużepp u l-Ħajja tal-Patrijiet Karmelitani**

Santa Tereża qalet ħafna dwar l-effett li kellu fuqha San Ġużepp; effett li għenha tiżviluppa u tapprofondixxi l-kariżma Karmelitana f'dimensjoni ġdida u riformata. San Ġwann tas-Salib tkellem ħafna dwar din l-ispiritwalità Karmelitana u f'dak li qal u b'dak li qal fakkarna ħafna fl-istess qaddis kbir li b'tant devozzjoni vvenerat il-qaddisa l-oħra Karmelitana. It-tnejn komplew żejna l-Ordni tal-Karmelu b'sens kbir u profond ta' kontemplazzjoni li fl-essenza tagħha filwaqt li taqtgħek mid-dinja biex twaħħdek mal-esperjenza ħajja ta' Alla l-Imbierek, tħallik b'saqajk fl-art fl-istess din biex tkun tista' taqdi lill-miġemgħa fit-tiftixa tagħha ta' dan l-istess Alla. Taħt il-ħarsien sħiħ u mimli bil-grazzja tal-Verġni Imbierka, fjur tal-Karmel, u b'San Ġużepp, żewġha fid-dinja u magħha magħqud fil-glorja tas-smewwiet, bħala l-mudell per eċċellenża tal-ħajja interjuri, il-patrijiet Karmelitani, jgħixu bħall-aħwa fil-kunventi u l-monasteri tagħhom imxerrdin mad-dinja kollha. Igħixu ħajja ta' meditazzjoni u talb, ħajja fraternal magħquda fil-qsim tal-ħobż, u ħajja ta' qadi għall-proxxmu fil-bżonnijiet kollha tiegħu, materjali u spiritwali. Il-ġmiel tal-ġnien fuq il-għolja tal-Karmel ma żammewhx għalihom biss dawn l-aħwa lebsin l-labtu ta' Marija, iżda niżlu jxerrduh ma' kullimkien, kif xtaqet Marija nnifisha, u kif xtaq żewġha Ġużeppi. Għax it-tnejn li huma qatt m'għamlu xejn għalihom infushom. Iżda kulma għamlu, għamluh għal Alla: għal Alla l-Missier, li lilu wiegħdu u offrew il-verġinità perpetwa tagħhom (l-ewwel separatament fil-ħajja individwali tagħhom, imbagħad flimkien fil-ħajja miżżewġa tagħhom); għal Alla l-Iben, inkarnat fil-ġuf ta' Marija, l-ewwel tabernaklu, u protett mill-mantar ta' Ġużeppi, l-ewwel velumeral; u għal Alla, l-Ispirtu Qaddis, li miegħu tgħarrset eternament Marija u li tiegħu kien il-vigarju fuq din l-art, Ġużeppi.

Fid-dawl ta' dan kollu, irridu nifhmu kif ma' tagħmel l-ebda sens devozzjoni lejn Marija Santissima maqtugħa jew mifruda minn devozzjoni lejn żewġha San Ġużepp, u aktar minn hekk, ma tagħmel l-ebda sens la waħda u l-anqas l-oħra, jekk dawn id-devozzjonijiet ma jwassluniex għand l-Iben il-Waħdieni tal-Missier Etern, il-Verb Inkarnat fil-ġuf tal-Verġni Mqaddsa taħt il-ħarsien ta' żewġha Ġużeppi; li lilha u lil binha, tahom il-kenn legali li kien meħtieġ skont iċ-ċirkostanzi tal-post u taż-żmien partikulari li fih kienu jeżistu; li lilha u lil binha, tahom il-wens ta' familja normali fid-deher, għax hekk kien meħtieġ li jsir skont il-pjan li fassal Alla għas-salvazzjoni tal-bniedem, sakemm jasal il-mument li l-Misteru tal-Inkarnazzjoni jkun żvelat lid-dinja kollha; li lilha u lil binha, qeda f'kull ħtieġa materjali u spiritwali, sakemm hi rabbiet lil Dak li kellu jsalvana, u sakemm Dak li kellu jsalvana minn tarbija żviluppa fi tfajjel imbagħad f'raġel, bit-tagħlim kollu li dan kien meħtieġ li jkollu bħala bniedem, biex ikun jista' jsib postu fis-soċjetà Lhudija ta' żmienu, u minn hemm jibda mbagħad il-ħajja pubblika tiegħu, fil-preżenza ta' Marija u fl-assenza ta' Ġużeppi, il-velumeral li issa kien meħtieġ li jitneħħa minn fuq it-tabernaklu biex il-ġnus kollha jkunu

jistgħu jaraw lil dak li Ġwanni l-Battista jsejjaħ "il-Ħaruf t'Alla li ġie biex ineħħi d-dnubiet tad-dinja."

O x'xorti kbira għandu dan l-Ordni, li bħala Omm u Oħt, għandu lill-Marija ta' Nażaret, il-Verġni Imbierka Omm Alla, u bħala protettur għandu lil Ġużeppi ta' Nażaret, ir-raġel ta' Marija fi żwieġ sħiħ u reali, u l-missier legali ta' Ġesù, li lilu kien isejjaħ Abba għal tletin sena sħaħ, u li lilu kien jobdi għax fih kien jara l-Imħabba tal-Missier Etern. Żgur li fil-prietki li Ġesù għamel dwar Missierna li hu fis-Smewwiet, huwa kien iġib quddiem għajnejh lil missieru Ġużeppi, kull darba li kien jeħtieġ mudell reali tal-imħabba ta' Alla kif imfissra fil-beatitudnijiet li jikkaratterizzaw l-isbaħ u l-aqwa diskors li qatt sar fuq din l-art, id-diskors tal-muntanja. Għax tabilħaqq kif mar igħidilna l-Papa Pawlu VI, li hekk Alla jrid dalwaqt narawh mgħolli fuq l-altari tagħna bħala qaddis: ***San Ġużepp huwa l-mudell tal-vanġelu li Ġesù, meta ħalla d-dwejra tiegħu f'Nażaret u beda l-missjoni tiegħu ta' profeta u għalliem, ħabbar bħala l-programm tar-redenzjoni tal-umanità.***[18] Fi kliem ieħor San Ġużepp għex il-Vanġelu qabel ma' pprietkah Ġesù.

## Referenzi

1 Ara l-artiklu fil-pubblikazzjoni tal-Festa tal-Madonna tal-Karmnu, 2013, pp. 37-53

2 HEALY THOMPSON (1980) *The Life and Glories of St Joseph, TAN BOOKS,* p. 461

3 CHORPENNING, Joseph F., (OSBS) (1993), *Just Man, Husband of Mary, Guardian of Christ: An Anthology of Readings from Jerònimo Graciàn's Summary of the Excellencies of St Joseph (1597),* St Joseph's University Press, USA

4 CHORPENNING (1993), op. cit.

5 Is-sit tal-Ordni Karmelitan li qed nikkwota huwa http://ocarm.org

6 BOFF, Leonard (2006) *Giuseppe di Nazaret, Uomo Giusto e Carpentiere*, Cittadella Editrice.

7 It-traduzzjoni bil-Malti hi meħuda minn BORG, Andrew (2018) *ID-DEVOT TA' SAN ĠUŻEPP (2) Ġabra ta' Siltiet*, Deer Publications, p. 339.

8 Ibid.

9 BOURASSA PERROTTA, Louise (2000) St Joseph His Life and His Role in the Church of Today, Our Sunday Visitor, Indiana USA.

10 It-traduzzjoni bil-Malti hi meħuda minn BORG, Andrew (2018) *ID-DEVOT TA' SAN ĠUŻEPP (2) Ġabra ta' Siltiet*, Deer Publications, p. 343.

11 Il-papa Emeritu huwa kkwotat minn Angelo Catapano fil-ktieb Un Anno con San Giuseppe (2015), hawnhekk tradott minn Borg (2018) op. cit., p. 358/

12 San Ġwanni Pawlu II huwa kkwotat mill-Eżortazzjoni Appostolika tiegħu Redemptoris Custos (imqassra RC). In-numri jirreferu għall-paragrafi tat-test imsemmi.

13 Hawnhekk Santa Tereża ta' Ġesù hija kkwotata minn: CHORPENNING Joseph F., OSFS, (1993), *Just Man, Husband of Mary, Guardian of Christ: An Anthology of Readings from Jerònimo Graciàn's Summary of the Excellences of St Joseph (1597)*, St Joseph's University Press, Philadelphia Pennsylvania USA

14 MICELI, Patrizia Innocenza (2015), I Modelli di Giosefologia nella storia della Teologia Cristiana, Tau editrice, p.159.

15 Ara artiklu ta' Tom Mulcahy, M.A fis-sit: https://catholicstrength.com/tag/saint-teresa-of-avila-and-saint-joseph/

16 Dawn il-kwotazzjonijiet slitthom mis-sit: http://olmlaycarmelites.org/quote/john-cross

17 SUAREZ Federico (2004) *Joseph of Nazareth*, Sceptre USA. It-traduzzjoni bil-Malti hija meħuda minn: BORG Andrew (ktieb għad mhux ippubblikat) *ID-DEVOT TA' SAN ĠUŻEPP (3) Ġabra Oħra ta' Siltiet*, Deer Publications.

18 PAPA PAWLU VI ikkwotat minn Tarcisio Stramare u maqlub għall-Malti minn BORG, Andrew (2016) op. cit., p. 352.

Mario Carabott Ltd.
Jewellers
MC
53/54 High Street, Ħamrun
Tel: 2124 0511 Fax: 2124 0576